SANNAT

Minuti tal-kontinwazzjoni tat-tletin laqgħa tas-seba’ Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta’ Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 12 ta’ April 2011 fis-7.30 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| Kunsilliera | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Mill-Minuti**

1448 (*para. 1325*) Rigward il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat, il-Kunsill flimkien mal-Kunsilli Lokali l-oħra għadhom ma ffirmawx il-kuntratt. Il-KIP Għawdex kitbulna meta ser niffirmaw dan il-kuntratt għaliex kien hemm xi Kunsilli li ffirmaw il-kuntratt individwalment mal-KIP Għawdex.

1449 *(para. 1376)* Rigward id-delineazzjoni tal-ħajt tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid ma’ proprjeta’ ta’ John Grima, is-Sur Mamo bagħat l-ittra biex il-Kunsill jibda x-xogħol. Rigward il-*caution* is-Sur Mamo ta ordni sabiex din issir.

1450 *(para. 1379)* Sar kuntatt mal-Electro Waste Malta Ltd. dwar il-ġbir ta’ ħwejjeġ għar-riċiklaġġ. Huma għandhom jiktibulna fejn jagħtu iktar informazzjoni.

1451 Il-kuntrattur li ngħata x-xogħol tal-konessjoni tad-drenaġġ żied sifun ieħor biex ikun hemm tnejn ħalli jekk tinqala’ xi ħaġa jkun possibbli li ssir manutenzjoni mingħajr ħafna problemi.

1452 Rigward l-applikazzjoni tal-wesgħa ta’ Triq id-Daħla taċ-Ċnus ġejna nfurmati li l-parti tal-art li hi skedata hi dik ta’ ġewwa u nistgħu nirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ biss.

1453 *(para. 1214*) Is-Sindku ppropona lil Margaret Said, Manuel Tabone u Jason Curmi bħala membri tal-bord għal ħatra Ġieħ Sannat. Jason Curmi ma aċċettax li joqgħod fil-bord. Is-Sindku ddikjara li hu mhux ser joqgħod fil-bord. Il-proċess tal-ħatra tal-Bord għal għoti tal-Premju Ġieħ Ta’ Sannat tħalla għal darba oħra.

1454 *(para. 1378)* Rigward il-bozza ta’ Triq Gerxija irċevejna ittra mingħand Galea Curmi Consultants dwar l-applikazzjoni. Irridu nivverifikaw jekk is-sid tal-*farmhouse* jaċċettax li l-arblu jitpoġġa mal-ħajt tal-proprjeta’ tiegħu.

SANNAT

1455 *(para. 1447)* Sar ilment iehor minn Benny Saliba rigward l-istess ilement tas-Sur Joe Spiteri li talab biex issir tabella fi trejqa privata fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, quddiem il-wied ħalli l-bdiewa jkunu jistgħu jidħlu jaħdmu r-raba tagħhom, Il-Kunsill qabel li jagħmel *double yellow lines* quddiem id-daħla tal-wied u mhux tabella għar-raġuni li din tiġi vandalizzata.

**Item 2 Korrispondenza**

1456 Memo 29/2011 dwar stemmi ġodda tal-Kumitati Reġjonali u Kumitati Amministrattivi.

**Item 3. Dikasteri**

1457 Sindku ppropona li jibda jiltaqa' darbtejn fix-xahar mal-Kunsilliera rigward id-dekasteri tagħhom.

**Item 3. Materja oħra**

1458 Rigward it-tranġar tal-ħajt għall-entratura tal-iskola, is-Sindku ppropona li dan jinbena minn Karmnu Bajada. Kemm il-Kunsilliera Teddy Bajada, Joe Bajada u s-Segretarju ddikjaraw li dan jiġi minnhom.

1459 Dwar il-ftuħ tal-librerija għall-publiku ġie deċiż li jinbidlu l-ħinijiet u tibda tinfetaħ nhar ta' Tlieta, nhar ta' Ħamis u nhar ta' Sibt. Għandhom jiġu ffissati l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija.

1460 Ġie deċiż li darbtejn fix-xahar jibda jsir lis-*Story telling* għat-tfal. Is-Sindku għandu jieħu ħsieb ta' din l-attivita'.

1461 Rigward il-kuntratt mal-Greenpak ġie deċiż li dawn jintalbu sabiex jerġgħu jipprovdu l-boroż tal-plastik ħodor lin-nies għall-ġbir tal-iskart separat minn wara l-bieb.

1462 Sar seminar dwar lis-Strateġija Kulturali Reġjonali ta' Għawdex mill-Uffiċċju tal-Kultura u Informazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex rigward diversi attivitajiet li ser jiġu organizzati fis-snin li ġejjin fosthom:

a. Lokalita' Kultura Reġjonali li jinbidlu kull sitt xhur mill-2012 – 2018 u survey xjentifiku dwar il-qagħda kulturali f'Għawdex.
b. l-Villaġġ tal-Karnival - Proposta li kull sena jkun hemm Re tal-karnival li jkun ġej minn lokalita differenti (L-Uffiċċju tal-Kultura jgħin fid-disinn u l-ispejjeż).
c. Kors għal cultural leaders b'xejn għal persuna waħdha mill-kull lokalita' prefebilment żgħażagħ.
d. Issir serje dwar Ulied Għawdex fejn issir serje ta' libretti u DVD dwar personalitajiet Għawdxin.

1463 Rigward Mġarr ix-Xini sar qbil li jerġgħu jsiru t-tabelli li hemm neqsin fil-bajja u ssir tabella li tindika li trid tagħmel permess jekk tkun trid tagħmel xi BBQ li ma jkunux familjari. Għandha ssir laqgħa ma' Sezzjoni tal-Maritime fi ħdan it-Transport Malta dwar il-bajja.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1464 Rigward Triq Xamgħan ġie propost li din titnaddaf u tingħata faxxa konkos u fejn hemm l-arblu f'nofs it-triq issir bankina.

**Item 4 Ilmenti**

1466 Is-Sur Anthony Pace ilmenta rigward it-traffic Signs li hemm fis-Sannat Junction u qal li dawn ma jidhrux bil-palma. Ġie innutat li dawn it-traffic signs ma jidhrux minn ċertu angolu u mhux ma jidhru minn imkien. Il-Kunsill qabel li fi Pjazza Santa Margarita ssir mappa tal-lokalita' bid-dwal. Din għandha titpoġġa ħdejn fejn jintrama l-presepju maz-zuntier.

1467 John Saliba, Redentur, Triq 10 ta' Ottubru talab biex isir *double yellow line* fil-kantunieri ta' Triq l-10 ta' Ottubru 2011. Il-Kunsill approva li dawn isiru fil-kantunieri ma' Triq Qortina.

1468 Josette Fenech, Notre Dame, Triq ta' Ċenċ ilmentat dwar il-qtugħ tal-ħaxix fi triq ġdida fi Triq Saguna.

1469 Phyllis Muscat, Muscat House, Triq Dun Luqa tablet sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin ta' din it-triq.

1470 Anton Farrugia, *Lydda*, Triq Dun Luqa ilmenta dwar il-bżonn tal-patching fi Triq Dun Luqa.

1471 George Azzopardi, Triq tal-Gruwa ilmenta dwar it-trabijiet li hemm f'din it-triq.

**Item 5. Budget 2011**

1472 Il-budget reġa' tħalla għall-kontinwazzjoni tal-laqgħa.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 18 ta' April 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada — Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella — Sindku